

**Motiv invokat**

- Ksur tal-Artikolu 59(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fis-6 ta' April 2020 – Berebene vs IPO – Consorzio vino Chianti Classico (GHISU)**

(Kawża T-201/20)

(2020/C 191/51)

Lingwa tar-rikors: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrenti: Berebene Srl (Roma, l-Italja) (rappreżentant: A. Massimiani, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Consorzio vino Chianti Classico (Radda in Chianti, l-Italja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

Applikant għat-trade mark kontenjużha: ir-rikorrenti quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenjużha kkonċernata: it-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea bil-kulur GHISU – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 17 232 571

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-23 ta' Jannar 2020 fil-Każ R 592/2019-1

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- konsegwentement, tordna r-reġistrazzjoni tat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea GHISU Nru 17 232 571 b'mod partikolari għall-prodotti li jaqgħu taħt il-klassi 33 tal-klassifikazzjoni ta' Nice;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż tal-proċedimenti ta' oppożizzjoni u tal-appell.

**Motiv invokat**

- Paragun żbaljat tat-trade marks kunfliġġenti u evalwazzjoni żbaljata tal-probabbiltà ta' konfużjoni u tal-vantaġġ indebitu.

---

**Rikors ippreżentat fid-9 ta' April 2020 – JH vs Europol**

(Kawża T-208/20)

(2020/C 191/52)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrent: JH (rappreżentant: M. Quaas, avukat)